# ĦASIBHA TARD

Past and to come seems best;
Things present worst.
SHAKESPEAR.

"Iġri nispiċċa minn din l-imgħarrqa skola," qal, bejnu u bejn ruħu, Temi, malli ra lis-surmast jipponta lejh sebgħu-l-werrej u jgħidlu, bil-herra, biex jitlaq il barra, mill-klassi.

L-imsejken żagħżugħ kien ftit u xejn imħareb u kemm kien ilu l-Liċeo mhux l-ewwel darba li weħilha ta' xejn. Tassew li kultant kien ikollu ħtija għax, imqarqaċ kif kien, kien iħobb iwieġeb ħażin kemm 'il missieru u 'l ommu kemm ukoll lis-surmastrijiet, imma, ħafna darbi, kien jeħel ta' xejn b'xejn; id-dar bil-ħtijiet ta' ħutu u l-iskola b'dawk ta' sħabu.

Issa ma kienx fadallu ħlief sena għall-Matrikola u ma kienx jieħu gost mita jiġi mkeċċi mill-klassi, imma, għal kastig hekk żgħir, ma kienx sejjer jagħmilha ta' spjun. Imma anqas kien sewwa li għandu jkun ippersegwitat mis-surmast.

"Kemm kont aħjar mita kont ċkejken. Taħbit ta' studju xejn, norqod kemm irrid u kemm jogħġobni, nilgħab il-ġurnata kollha u, minn fuq, bews minn għand ommi, flus f'buti minn għand missieri u zijieti, u żegħil minn għand nannti. Iġri nikber ħalli nkun indipendenti, flus naqla kemm irrid u ma nara nġustizzi minn għand ħadd."

U b'dawn il-ħsibijiet iduru ma' rasu telaq ilbarra mill-klassi bla kliem u bla sliem. Ħareġ mill-bieb li jagħti għal Strada San Paolo, lewa għal Strada Cristoforo u mexa qajla qajla għall-Barrakka t'Isfel.

Kienu għadhom l-għaxra u nofs, u kieku mar id-dar dak il-ħin, malajr kienet tinkixiflu l-borma.

Malli wasal il-Barrakka, imdejjaq għall-mewt zoptu, inxteħet fuq bank iħares lejn il-Port min-naħa tal-Marsa; u f'dik id-dieqa ta' qalb, deħru quddiemu qabda swar, wieħed ogħla mill-ieħor, kollha jħarsu lejh bid-daħka u jistiednuh biex...... jeħodha għal rasu minn fuqhom u jtemm, f'kemm ili ngħidlek, id-dwejjaq u l-imrar ta' din id-dinja. Iżda Temi ma kienx ta' dan. Temi kien ukoll xi ftit poëta u student ħabrieki tad-disinn u jekk quddiemu kellu dawk is-swar qarrieqa, warajh kellu elf warda li bdew jitfgħulu riħa li taqsam bħallikieku riedu jfakkruh fis-sbuħija tal-ħajja u, iżjed lisfel mill-iswar, kien hemm ukoll baħar li jgħaxxaq, b'ħafna dgħajjes, imżewqa b'kull lewn, jiġru qishom għażżiliet.

U f'dik il-ħemda, bi ħsibijiet koroh u oħrajn sbieħ, jiġru wara xulxin f'dak il-moħħ aktarx tari, Temi marret għajnu bih u raqad.

* * *

La taħsbux li Temi, jew aħjar l-avukat Temi Micallef, għadu rieqed fuq il-bank tal-Barrakka t'Isfel. Xejn minn dan, Temi, għalkemm fuq tiegħu u mqareb f'għamilu, ma kien xejn ħmar, u wara l-Liċeo daħal dritt l-Università, fejn, mingħajr ma weħel f'ebda eżami, sar avukat, mhux biss, imma fl-eżami tal-Lawrja ġie wieħed mit-tajbin.

Sar avukat, imma billi sar avukat ma jfisserx li kien laħaq xi ħaġa kbira jew li kien mess is-sema b'idu. Avukati, fid-dinja, hawn bl-eluf ta' l-eluf u Malta, għaċ-ċokon tagħha, miżgħuda bihom. Għalhekk l-avukat Temi Micallef kien sejjer ivara f'baħar aktarx imċaqlaq, fil-baħar tal-ħajja, dgħajsa l-aktar dgħajfa.

Ma għandna xi ngħidu xejn : il-karriera bdieha, kif jibbieha kulħadd, bla ebda klijent; imma din kienet ħaġa li timportha lilu biss u mhux lin-nies tal-Ħamrun fejn l-avukat Micallef kien joqgħod. Għan-nies tal-Ħamrun l-avukat Micallef kien avukat u— is-sinjuri avukati— huma nies għonja. Għalhekk il-partitarji tal-Każin tal-Banda, il-Mexxejja ta' dak l-Istitut, l-Inkarigati minn l-arbular ta' dik il-Festa, bdew kollha, u ta' spiss, imorru jsibu lis-sur Avukat, ħalli jiddubbaw xi ħaġa.

Temi kien iħokk rasu imma, bil-qalb it-tajba, kien ikollu jdaħħal idu fil-but u jagħti.... jagħti xi ħaġa.... ħalli n-nies ma tgemgimx, ħalli l-ilsna ħżiena jisktu, ħalli l-fama tikber. X'ridtuh jagħmel la kien Avukat ? L-avukati għandhom iżommu ruħhom tajjeb. U biex ma jagħmelx figura ħażin kien jiċċaħħad minn ħwejjeġ oħra. Teatri xejn, jekk mhux b'xejn; ċinematografi l-istess; qgħad fil-kafejiet anqas biss bil-ħsieb, jekk mhux fil-għodu mita jistiednu xi klijent. Għax issa ż-żmien kien beda għaddej ġmielu u xi klijent 'l hemm u 'l hawn beda jidher, għalkemm bil-qajla u bit-tbatija, tafux ! għax mita kien jistaqsi lil xi msieħeb tal-Każin tal-Banda, jew lil xi mpjegat għoli ta' xi Istitut, jew lil xi wieħed minn dawk li dejjem jiġru bl-arbulari tal-Festi : "Kif kien ma tiġux għandi ?" kienu jwiġbuh : "Aħna għandna lil Dak l-avukat iservina, ma nistgħux nibdluh għal xejn b'xejn." U kien ikollhom raġun. !

Insomma l-avukat Micallef kien qiegħed jitħabat, mhux ftit, mal-ħajja u kien beda jiftaħ trieqtu bil-għaraq ta' ġbinu u, mita kien ikun waħdu, id-dar, kien iħares lejn il-librerija, jilmaħ fost il-għeżież kotba tiegħu, dawk ta' l-iskola, u kien iċaqlaq rasu b'sogħba u jaħseb : "Eh ! Dawk kienu żminijiet ! Żminijiet ta' daħk u ta' hena... u ta' bla tbatija. Żmien ta' Żogħżija mita kull ħaġa tad-dinja tittieħed biċċajt. Iġri jgħaddu xi għaxar snin ħalli joktru l-klijenti u nieħu ftit ir-ruħ. *Fejnu żmienek, ja ħerba* !"

Bi ħsibijiet bħal dawn ta' mrar iberrnulu rasu, u moħħu għajjien bil-ħsibijiet tax-xogħol, intelaq fuq pultruna u qabad f'idu, ħalli jderri, ktieb tal-poëżija. Imma mita l-moħħ ikun għajjien, mistrieħ irid; u bil-ktieb f'idu b'kollox, għajnu marret bih u raqad......

* * *

U għat-tieni darba sejjer ngħidilkom : la taħsbux li l-avukat Micallef, jew aħjar il-Professur Micallef, għadu rieqed fuq il-pultruna ta' l-istudju tiegħu fit-Trieq Irjala tal-Ħamrun. Xejn minn dan.

Il-Professur Micallef, minn dak iż-żmien li rajnieh l-aħħar ħadem bla heda u għamel karriera mill-isbaħ, u ġabar ma dwaru klijenti addoċċ; imma iżjed ma żdied il-għadd tal-klijenti iżjed naqset saħħtu u kiber f'għomru, u xjieħ qabel iż-żmien. Mill-Ħamrun kien ilu li telaq u mar joqgħod il-Belt, Strada Stretta, f'dar kbira minn dawk il-qodma ta' żmien il-Kavalieri. Strada Stretta, ħiemda ħiemda, kienet tgħodd ħafna għalih.

Issa kellu 52 sena imma kien jidher ta' wisq iżjed. Wara l-mewt tal-Professur X., kien laħaq professur tal-Liġi Kriminali fl-Università; iżda, b'dana kollu, ma kienx ħieni. L-istudenti kienu jbaqbquh iż-żejjed (imma aktarx wisq anqas milli, fi żmienu, kien ibaqbaq huwa lill-professuri tiegħu) u għalhekk kien imur igħallem fuq il-qalb u kien ħa din il-biċċa xogħol fuq demm id-dars.

Il-flus, kif tistgħu taħsbu, issa ma kinux jonqsuh, imma kienet tonqsu ħaġa li hi aqwa mill-flus. Kienet tonqsu dik it-Tama ta' *dak-li-ġej*.

Id-divertimenti ma kienx iħobbhom u l-aħjar żmien kien igħaddih magħluq id-dar imdawwar bil-kotba tiegħu u dlonk kien joqgħod jiftakar fiż-żminijiet sbieħ ta' l-imgħod-

di. Mita kien il-Liċeo, jikteb il-poëżijiet fuq is-surmastrijiet u ma jimpurtah minn xejn. U xi ngħidu mbagħad għall-Università? dak kien żmien! Wara waslet il-Lawrja, ferħ minn għand kulħadd. Tal-Ħamrun malajr kienu ħatruh President tal-Banda u President tal-Każin tal-Football. Eh! dik kienet ħajja! U kemm kienu tkellmu fuqu n-nies mita, fil-bidu tal-karriera tiegħu, ħeles lil Peppi "ta' ċarruta" minn kundanna żgura! Qabel beda l-Ġuri kulħadd kien qal li Peppi kien qed jilgħab rasu, imma l-avukat Micallef kien jagħmel il-mirakli, u għaref iħawwad il-Ġurati b'mod tali li kellhom jibagħtu 'l Peppi 'l barra għal nuqqas ta' provi ċari kontra tiegħu.

Imma issa kollox kien intemm għall-Professur Micallef. Fil-ħbieb ma kienx jafda, u l-veri ħbieb tiegħu kienu biss il-kotba. Għall-ewwel kien taha biex jaqra r-rumanzi u kotba tal-poëżija; wara tefagħha għat-trattati, u fl-aħħar inxeħet b'ruħu u ġismu għall-klassiku. Kif kien jaf tajjeb bil-malti, kien jaf ukoll bl-ingliż, bit-taljan u bil-franċiż, u l-iżjed li kien iħobb jaqra — għalkemm kien imur wisq ftit it-Teatru — kienu l-ħwejjeġ tal-Palk u, fost kulħadd, kien iżomm bħala wieħed mill-akbar, lil Shakespear.

U jum minn dawn, b'moħħu miżgħud bil-ħsibijiet ta' l-imgħoddi, qabad f'idejh, kif ġie ġie, ktieb ta' l-awtur l-aktar miqjum minnu. Anqas biss ra liema kien għax għalih Shakespear kien kbir fl-opri tiegħu kollha.

Fetaħ il-ktieb u beda jaqra, jaqra, jaqra...... u fost dawk il-frażijiet ta' l-akbar deħen sab din:

*Past and to come seems best — Things present worst.*

u għal żmien twil baqa' ssumat iħares lejn dik il-paġna u jixtarr dik il-frażi li, għalkemm ma kien fiha xejn ġdid, ma kien qatt ħaseb fuqha qabel.

"Dnub," qal fl-aħħar bejnu u bejn ruħu, "li qatt ma qrajtha qabel."

Lixandra, 20 ta' Novembru, 1935.

Ivo Muscat Azzopardi